# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Mejju, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **204/2018**

**BEZZINA SHIP REPAIR YARD LIMITED**
[REG. NRU. C-8570]

***VERSUS***

**KIRTON & CO. LIMITED**
[REG. NRU. C-180]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-7 ta' Mejju, 2018 fejn l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erbat'elef, mitejn u sitt ewro u hamsin ewro centezmi (€4,206.50c) rapprezentanti servizzi marittimi u servizzi ancillary debitament provduti lilha mill-attrici, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri, ta' mandate ta' qbid fl-istess ismijiet u bl-imghaxxijiet bl-ghola rata skond il-Ligi minn meta l-ammont kien dovut sal-hlas effettiv.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mill-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom taghha u/jew xi difensur ghaliha ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha inkluzi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddifferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2015 (*a fol*. 22) u kif ribadit f'dak ta' l-udjenza tat-30 ta' April, 2019 (*a fol*. 23), il-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, izda nonostanti tali notifika, l-istess konvenuta la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom taghha jew difensur ghaliha fis-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal fl-udjenzi li kienu jmissu wara n-notifika lilha ta' l-atti biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Tali konvenuta, ghalhekk, giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-ahhar imsemmija udjenza (*a fol*. 23).

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa flimkien ma' l-att promotur (ara *a fol*. 2 u *a fol*. 25) u sema' lill-financial controller ta' l-attrici fl-udjenza tat-30 ta' April, 2019 jistqarr bil-gurament tieghu hekk kif gej: "*Deher Oscar Delia, financial controller fi hdan is-Socjeta' Attrici, li bil-gurament tieghu moghti seduta stante ikkonferma illi l-Attrici hi kreditrici fil-konfront tal-Konvenuta fl-ammont ta' EUR4206.50 u li tali ammont ghadu interament dovut lill-Attrici u li fil-mori ta' dawn il-proceduri ma sehh l-ebda pagament akkont. Oscar Delia ikkonferma bil-gurament tieghu l-invoice a fol.2 talprocess u kif ukoll ezebixxa statement seduta stante li jirrifletti ukoll l-ammont mitlub f'dawn ilproceduri.*" (ara *a fol*. 23).

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attur. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-istess attrici s-somma ta' erbat'elef, mitejn u sitt ewro u hamsin ewro centezmi (€4,206.50c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-22 ta' Mejju, 2017 (li hi d-data tal-ewwel fattura mahruga – ara *a fol.* 25) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti kawza, izda mhux dawk marbuta mal-mandat ta' qbid li jissemma fl-Avviz tat-Talba – peress li dan qatt ma gie formalment ezibit u lanqas m'hemm, almenu, in-numru ta' referenza tieghu f'dawn l-atti processwali – huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*